# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 15 ta' Gunju tas-sena 2001.**

**Numru 20**

**Avviz numru 1562/00/SM**

**Vodafone Malta Limited**

**vs**

**Anton Baldacchino**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat l-10 ta' Novembru tas-sena 2000 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

1. **Ihallas s-somma ta' sitt mija u seba' u disghin liri Maltin u tlieta u sittin centezmi (LM697.63,0), bilanc ta' somma akbar rapprezentanti access ghall-uzu ta' mobile telephone u "airtime" ghall-istess uzu, moghti lilu mis-socjeta' attrici ghall-perjodu mill-10 t'Awissu, 1999 sal-10 ta' Ottubru, 1999;**

2. **Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra bonarja u bl-imghaxijiet legali;**

3. **Il-konvenut ingunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota' ta' l-eccezzjonijiet datata l-15 ta' Jannar tas-sena 2001 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

1. **Illi d-domanda attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-kuntratt ta' kiri ta' mobile phone minghand l-attur kien biss ghall-tlett ijiem u cioe' bejn il-25 ta' Gunju 1999 sat-28 ta' Gunju 1999 u cioe' ghall-week end u dana kif jirrizulta mill-anness kuntratt datat 25 ta' Gunju 1999 u mhux ghall-perjodu li hemm indikat fl-avviz. L-esponenti huwa lest li jhallas ghall-airtime relattiv ghal dawk it-tlett ijiem biss;**

2. **Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, fi kwalunkwe kaz il-credit limit ta' l-esponenti kien ta' LM100 u allura l-attur kellu obbligu li jaqta' l-linja malli l-kont tela aktar mill-limitu impost minnu stess u dana kif jidher mill-anness kopja tal-kont relattiv;**

3. **Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Ezaminat id-dokumenti esebiti;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi ghalkemm is-socjeta' attrici nghatat l-opportunita' biex tressaq il-lanjanza taghha quddiem din il-qorti wara li hi stess intavolat il-procedura odjerna, l-istess socjeta' inspjegabbilment naqset milli tressaq evidenza in sostenn tat-talba taghha ndikata fl-avviz fuq indikat;**

**Illi pero', ukoll inspjegabbilment, izda b'lealta' assoluta da parte tal-konvenut, dan ipproduca testimonjanza u evidenza li ghallanqas hu kien responsabbli lejn is-socjeta'**

**attrici fl-ammont ta' mitt Lira Maltin, (LM100.00,0), ai termini ta' kuntratt minnhu pprezentat;**

**Ghaldaqstant, stante l-ammissjoni tal-konvenut rigward dawn il-mitt Lira Maltin, (LM100.00,0), ghall-perjodu bejn il-25 u t-28 ta' Gunju ta' l-1999, tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici limitatament ghal dawn il-mitt Lira Maltin, (LM100.00,0), u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut Anton Baldacchino biex ihallas l-ammont ta' mitt Lira Maltin, (LM100.00,0), lis-socjeta' attrici ghar-ragunijiet kif fuq indikati, izda ghall-kumplament tas-somma mitluba mis-socjeta' attrici, din il-qorti tichad it-talba stante li mhux pruvata;**

**Illi rigward l-ispejjez ghandu jinghad li dan ghandu jkun a karigu tal-konvenut stante li kien inkombenti ghalieh li jissalda l-ammont kontrattwali minghajr il-htiega ta' dawn il-proceduri.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**